# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Legislatura

Laqgħa Numru 1/2020

30 ta' Jannar, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-8:15pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Skużat

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi Sindku |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Viċi Sindku kien għarrafha illi kienet inqelgħetlu problema u għalhekk ma setax jattendi għal laqgħa.

1.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku qal illi xtaq jagħti r-raġuni għala nqalgħu t-tabelli tar-reklami fit-toroq mill-Kuntrattur. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur qallu li għandu l-ħsieb illi jbiddel il-frame sabiex ikunu aktar robusti. Apparti minn hekk, peress li min kien qiegħed jirreklama din is-sena ma kienx se jġedded, allura kien qala' r-reklami kollha. Is-Sindku qal illi aħna jew il-kuntrattur issa rridu nsibu lil xi ħadd li jixtieq jirreklama u li dawn ser jeħlu meta ssir it-talba. Is-Sindku qal ukoll li, bi ftehim mal-kuntrattur, il-Kunsill xorta jibqa' jzomm id-dritt li jinnegozja hu l-prezz fuq 3 tabelli filwaqt li fuq tabelli addizzjonali l-Kunsill jiehu l-hlas dovut minnghand il-kuntrattur skont dak stabbillit fil-by law.

Il-Kunslliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi ref punt 2.6 kien hemm aktar punti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi dawn kienu korrezzjonijiet fuq il-Minuti ta' qabel.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 16.4.2 sabiex jinġabar it-trab din ukoll issemmiet waqt il-laqgħa pubblika.

Is-Sindku qal illi ref punt 16.5 (ingaġġ ta' librara), il-librara l-ġdida issa kienet qegħda tieħu training mal-Malta Libraries u li kienet ser tibda fil-futur qarib.

Is-Sindku qal illi ref punt 16.7 (kuntratt ta' Perit) il-bord tal-evalwazzjoni kien iltaqa' u r-rakkomandazzjoni tiegħu kienet illi l-Kunsill għandu jmur għal orħos offerta. Is-Sindku ssuġġerixxa illi għandna nimxu fuq din id-deċiżjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku qal illi hekk kif jinħatar il-Perit għandna niltaqgħu miegħu sabiex nibdew bid-diskussjonijiet ta' x'ser nagħmlu fir-roundabout fid-daħla ta' Ħal Safi u rigward il-proġett tal-pjazza u traffic management.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker ta d-dettalji tal-laqgħat li kellu rigward il-proġett tal-pjazza.

Is-Sindku qal illi ref punt 16.9 (applikazzjoni Achievers) il-Kunsill kien tefa' l-applikazzjoni tiegħu flimkien mas-Safi Drama Group. Is-Sindku ta d-dettaliji ta' din l-applikazzjoni.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk kinitx ġiet irrifreskata ż-żebgħa tas-sinjali tal-art sabiex il-karozzi jimxu bil-mod. Is-Sindku qal illi l-ħaddiema ma kinux għandhom bdew b'dawn ix-xogħolijiet.

1.3 Kuminikazzjoni mis-Sindku

1.3.1 Is-Sindku qal illi xtaq li jagħti update fuq in–night shelter fejn kien il-muzew l-antik l-antik tas-subien. Huwa qal illi l-kapillan kien qed idur l-agreement li kważi ma nbidel xejn minn qabel. Is-Sindku qal illi kien għad fadal biss l-aħħar irtokki sabiex isir l-iffirmar tal-Kuntratt u b'hekk ikun jistgħu jibdew ix-xogħolijiet fuq dan il-proġett li ser ikun wens għal min ibati bid-dimensja u bħala nigħt shelter.

1.3.2 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien tefa' l-applikazzjoni sabiex isir ir-restawr fuq il-Koppla u l-Lanterna. Is-Sindku qal illi l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijet kellha issir ma ddumx u b'hekk inkunu nafu jekk l-applikazzjoni tagħna għaddietx.

1.3.3 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni li ressaq il-Kunsill sabiex isir ir-restawr minn barra tal-Kappella ta' Santa Maria kienet fost dawk li ġew magħżula mill-bord tad-Direttorat tar-Restawr fi ħdan il-Ministeru tal-Kultura.

1.3.4 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni li ressaq il-Kunsill taħt Mizura 4.4 (Fondi Ewropej) sabiex jitranġaw il-ħitan tas-sejjiegħ, ġiet aċċettata u l-Kunsill se jkun qed jibbenefika mis-somma ta' madwar 57000 ewro.

1.3.5 Is-Sindku fakkar illi nhar is-Sibt 29 ta' Frar ser ikun hemm l-AGM tar-Reġjun Nofsinhar li kienet ser issir Villa Blanch Ħal Far.

1.3.6 Is-Sindku qal illi l-kuntrattur tat-toroq u bankini issa kien qed jagħmel il-bankina ta' Triq Ta' Rqajja. Is-Sindku qal illi kien irċieva suġġeriment illi hekk kif konna qegħdin nagħmlu din il-bankina, forsi tkun tista' ssir l-bankina li hemm faċċata. Is-Sindku qal li kienu marru jkejlu l-istess bankina u bħala spejjeż kellha tiġi madwar 3,500 Euros. Huwa qal illi jissuġerixxi li din il-biċċa bankina oħra għandna ssir kif qed jaħdem fl-istess triq. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.7 Is-Sindku qal li kien wasal iż-żmien li jinħatar il-Bord għal sotto kumitat sabiex isiru konsultazzjoni u diskussjonijiet rigward il-proġett tal-pjazza u Traffic Management. Is-Sindku qal illi għalkemm huwa kien ser jipprova jattendi għal-laqgħat ta' dan il-kumitat, l-istess kumitat kellu jkun f'idejn il-Kunsillier responsabbli mit-toroq is-Sur Mark Cocker.

1.3.8 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien applika għal fondi mil-Assoċċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali sabiex issir il-Festa Qamar il-Għasel. Huwa qal illi sentejn ilu din l-attivita' kienet saret nhar is-7 ta' Ġunju u li jaħseb illi għal issa għandna tinżamm l-istess ġurnata dejjem jekk ma kienux ser jaħbtu festi fl-irħula tal-madwar. Is-Sindku qal illi għal din l-attivita'

ukoll jinħtieġ illi jinħatar kumitat u talab lill-Kunsilliera responsabbli mill-attivitajiet Joanna Abdilla sabiex tieħu ħsieb dan il-kumitat.

1.3.9 Is-Sindku qal illi rigward Festa Nar l-akbar problema li għandna sabiex tiġi organizzata Ħal Safi hija li l-bdiewa diġa' żergħu l-qamħ u t-triq għadha mhix lesta. Huwa qal li kien tal-parir illi għal din is-sena nħalluha u s-sena d-dieħla naħsbu kmieni sabiex nitkellmu mal-bdiewa u nassiguraw ruħna li t-triq tkun lesta.

1.3.10 Is-Sindku qal illi l-Kunsill irċieva proposta oħra sabiex tliet persuni jitilgħu il-Bulgarija fuq proġett li jittratta ż-żagħżagħ. Is-Sindku ta d-dettalji lill-Kunsilliera sabiex jipproponu persuni addatati għal dan il-proġett.

1.3.11 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva stedina għal Town Twinning Sardegna. Is-Sindku ta d-dettalji tal-proġett lill-proġett li ser ikun bejn it-22 u 26 ta' April.

1.3.12 Is-Sindku qal illi bħas-sena l-oħra l-Kunsill kien ser jorganizza party tal-karnival għat tfal. Il-Kunsill iddiskuta l-ġurnata meta l-party ser jiġi organizzat sabiex din ma taħbatx flimkien ma xi entita' oħra. Huwa qal illi bħala proposta kellu s-Sibt 22 ta' Frar.

1.3.13 Is-Sindku qal illi l-Gal Xlokk Foundation kienu ser joħorġu mizura 3 bl-isem ta' 'Promotion of Cultural Assets'. Huwa qal illi bħala mizura l-Kunsill seta' jibbenfika mis-somma ta' €10,000. Is-Sindku qal illi kien irċieva suġġeriment li l-Kunsill jista' japplika sabiex isir app għal fuq il-mobajl u li din tista' tkun aktar effettiva' minn website. Huwa qal ukoll li ma din l-app nagħmlu ktejjeb żgħir bħala heritage trail fuq ir-raħal li tkun b'valur edukattiv. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

1.3.14 Is-Sindku qal illi kien qed iressaq proposta sabiex Triq San Tumas tiġi No Entry except for residents only għaliex il-karozzi allavolja din it-triq dejqa ħafna l-karozzi qiegħdin jitilgħu b'veloċitra' eċċessiva bil-konsegwenza illi qed jolqtu l-faċċati tan-nies. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel illi għandna nikkonsultaw ma Transport Malta.

1.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

1.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla reġgħet fakkret lill-Kunsill rigward slow sign ħdejn iċ-ċimiterju.

1.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi hekk kif qegħdin isiru l-bankini forsi l-Kunsill jista' jagħmel l-bankina ta' l-isfel minn Triq Qerd in-Naħal. Hija qalet illi dan il-post hemm problema tal-ilma u r-residenti jaħsbu illi bil-bankina din il-problema tittaffa xi ftit.

Il-Kunsill iddiskuta jekk hix il-kompitu tal-Kunsill illi jagħmel il-bankina għal ewwel darba u sar qbil illi għandna nivverifikaw.

1.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kienet irċeviet suġġeriment illi Triq Dun Ġużepp Caruna isiru l-parking bays. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

1.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi Triq il-Kuċċard hekk kif iddur għal Triq San Gwann hemm problema li t-triq qiegħda żżomm l-ilma.

1.4.5 Is-Sindku qal illi għalhekk ser isir il-ġibjun fi Triq il-Kuċċard u li din il-problema kienu ltaqgħu magħha hekk kif kienu qegħdin isiru l-bankini fi Triq San Gwann.

1.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi l-ħajt perikoluż li kien hemm fi Triq il-Kenn issa kien waqa' u staqsa jekk hux ser jitħalla hekk.

Is-Sindku qal illi huwa kien għamel rapport li pulizija illi kien hemm ħajt perikoluż fi Triq il-Kenn u ftit ta' żmien wara kienet kelmitu persuna li hija waħda mis-sidien tal-istess propjeta'. Huwa qal illi lis-sid kien għamilielu ċara illi l-ħajt kien perikoluż u li jekk jinqala' xi ħaġa kienu responsabbli huma. Is-Sindku qal illi dan il-ħajt huwa proprjeta' privata u bil-liġi għandhom jtellgħuh huma.

1.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla reġa' fakkar li għandu jitnaddaf ħdejn il-bandiera tal-Karwija fejn inżergħu l-ġiżi.

1.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi għandu jinkines it-trab li jinżel ħdejn il-Ġnien ta' Ball.

1.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi kien hemm bank fil-pjazza mkisser. Is-Sindku qal illi kienu ħadu il-parti mkissra l-ħaddiema sabiex jaraw jistax jissewwa.

1.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward is-siġra mejta li hemm fil-pjazza, u meta ser tinqala'.

1.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa x'kien sar mill-parkeġġ fejn għandha tiġi pparkjata l-electric car tal-kiri. Is-Sindku qal illi l-parkeġġ kienet saret quddiem Santa Marija u li kellha titneħħa. Is-Sindku qal illi dawn ser jerġgħu jsiru pero' għandhom isiru b'aktar konsultazzjoni.

1.5 Kuntratt Contracts Manager

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien obbligat joħroġ tender sabiex isir l-ingaġġ għal Contracts Manager. Hija qalet illi diġa' kienet ħasbet għal dan il-kuntratt fil-buget u li kien jinħtieġ illi jinħatar bord għall-evalwazzjoni tal-kuntratt. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rigward u qabel illi l-Kunsill għandu joħroġ sejħa għal kuntratt ta' Contracts Manager, b'medja ta' għoxrin siegħa fil-ġimgħa u li jkun qiegħed jissorvelja l-ħaddiema tal-Kunsill ukoll. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.6 Performance Appriasal tas-Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku ressaq il-performance appraisal report tas-Segretarju Eżekuttiv u ssuġġerixxa li tingħata l-ammont massimu tal-bonus. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tieħu l-massimu tal-bonus. Tali rapport għandu jitressaq għall-approvazzjoni tad-Dipartiment qabel jitħallas.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker ġie skużat mil-laqgħa fl-10:30pm.

1.7 Rapporti

Approvazzjoni Budget għas-sena 2020

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet Il-bugit annwali għas-sena 2020 li kienet għamlet u li kien tqassam lill-Kunsilliera qabel is-seduta. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat.

1.8 Korrispondenza

Il-Kunsilliera staqsew rigward xi korrispondenza.

15.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

15.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-10.37pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 27 ta' Frar, 2020 fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchio |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |